# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' April 2024**

**Numru 6**

**Rikors numru 486/2008/1 FDP**

**Lawrence u Rita konjuġi Spagnol, u Pierre Bellizi**

**v.**

**Paul Demicoli, Kevin Bonnici, AIC Joseph Falzon, Nick Demicoli Construction Co. Limited (C 17153) u Asfaltar Limited (C 8313)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-atturi u appell inċidentali ta' wħud mill-konvenuti minn sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim' Awla tas-6 ta' Ottubru, 2022 li permezz tagħha sabet lil uħud mill-konvenuti responsabbli għat-

tigrif ta' binja waqt xogħol ta' skavar biswit, u għad-danni konsegwenzjali sew taħt il-kappa ta' *damnum emergens* kif ukoll taħt il-kappa ta' *lucrum cessans*. B'mod partikolari intlaqa' l-aggravju dwar ir-responsabbilità naxxenti minn *culpa in eligendo*.

**Daħla**

2. F'din il-kawża l-atturi Lawrence u Rita konjuġi Spagnol u Pierre Bellizzi (l-Atturi) qegħdin ifitxu għad-danni li ġarrbu meta, b'konsegwenza ta' xogħlijiet magħmula mill-konvenuti b'nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti u b'nuqqas ta' ħila u għaqal, iġġarraf bini ta' wħud mill-atturi konsistenti f'garaxx fi Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Baħar, u nqerdu apparat u attrezzi oħra tan-negozju tagħhom li kienu fil-bini mġarraf. L-atturi talbu kemm għad-danni materjali konsegwenzjali minħabba l-qerda tal-proprjetà, mobbli u immobbli, tagħhom u kemm għat-telf ta' qligħ peress li b'konsegwenza tal-akkadut ma setghux ikomplu bin-negozju tagħhom. Talbu għalhekk lill-Qorti:

1. Tgħid illi l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli għad-danni li ġarrbu l-atturi meta ġġarraf il-fond proprjetà ta' l-atturi u l-ħwejjeġ ta' go fih bi ħtija talkonvenuti;

2. Tillikwida d-danni kollha li ġarrbu l-atturi konjuġi Spagnol, kemm telf materjali kif ukoll telf ta' qligħ, bi ħtija tal-konvenuti;

3. Tillikwida d-danni kollha li ġarrbu l-atturi konjuġi Spagnol u l-attur Bellizzi flimkien, kemm telf materjali kif ukoll telf ta' qligħ, bi ħtija tal-konvenuti; u

4. Tikkundanna lill-konvenuti, jew lil min minnhom, iħallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati.

3. Is-soċjetà konvenuta Nick Demicoli Construction Limited (Demicoli Construction) ma ppreżentatx risposta ġuramentata u baqgħet kontumaċi.

4. Il-konvenuti l-oħra ikkontestaw it-talbiet attriċi.

5. B'sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla (l-Ewwel Qorti) tas-6 ta' Ottubru, 2022 iddeċidiet il-kawża bil-mod segwenti:

> Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha ta' Paul Demicoli u Kevin Bonnici.
>
> Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Perit Joseph Falzon u Asfaltar Limited u tiddikjarahom mhux responsabbli għad-danni, u għalhekk;
>
> Tilqa' t-talba rikorrenti kif dedotta billi:
>
> Tiddikjara lil Paul Demicoli, s-soċjeta Nick Demicoli Construction Limited u Kevin Bonnici unikament responsabbli għad-danni kkawżati lir-rikorrenti wara li, fit-3 ta' Ġunju 2004, iġġarraf il-block ta' appartamenti St. Francis Flats li fil-livell terran tiegħu r-rikorrenti konjuġi Spagnol kellhom garaxx, liema responsabbilta' għandha tinġarr kwantu għal sehem ta' wieħed minn sitta (1/6) minn Kevin Bonnici w il-kumplament, ossija sehem ta' ħamsa minn sitta (5/6) minn Paul Demicoli u Nick Demicoli Construction Limited.
>
> Tillikkwida d-danni sofferti mill-konjuġi Lawrence u Rita Spagnol konsistenti fl-ispejjeż relatati mar-rikostruzzjoni tal-garaxx, fl-ammont ta' mija u erbgħin elf, hames mija u sebgħa u sittin Euro (€140,567).
>
> Tillikwida d-danni sofferti mill-konjuġi Lawrence u Rita Spagnol u r-rikorrent Pierre Bellizzi flimkien, konsistenti f'għodda u materjal mitlufa kif ukoll telf ta' qliegħ, fl-ammont ta' disgħa u ħamsin elf, disgħa mija u ħamsa u ħamsin Euro (€59,955) bħala kumpens għall-oġġetti kollha mġarrfa u tmintax-il elf Euro (€18,000) bħala telf ta' qliegħ sa Frar 2005, li flimkien jagħmlu total ta' sebgħa u sebgħin elf, disgħa mija u ħamsa u ħamsin Euro (€77,955).

Tikkundanna lill-intimat Kevin Bonnici iħallas, esklussivament lill-konjuġi Lawrence u Rita Spagnol, is-somma ta' tlieta u għoxrin elf, erbgħa mija u sebgħa u għoxrin Euro (€23,427) għar-rikostruzzjoni tal-garaxx u lil Lawrence u Rita Spagnol u Pierre Bellizzi solidament flimkien, is-somma ta' tnax-il elf, disgħa mija u tnejn u disgħin Euro (€12,992) għall-beni fil-garaxx meqruda u telf ta' qliegħ, u dan bħala s-sehem ta' wieħed minn sitta (1/6) kif fuq deskritt. Tikkundanna lil Paul Demicoli u s-soċjeta kontumaċi Nick Demicoli Construction Company Limited, iħallsu esklussivament lill-konjuġi Lawrence u Rita Spagnol, is-somma ta' mija u sbatax-il elf, u mija u erbgħin Euro (€117,140) għar-rikostruzzjoni tal-garaxx u lil Lawrence u Rita Spagnol u Pierre Bellizzi solidament flimkien, is-somma ta' erbgħa u sittin elf, disgħa mija u tlieta u sittin Euro (€64,963) għall-beni fil-garaxx meqruda u telf ta' qliegħ, u dan bħala s-sehem ta' ħamsa minn sitta (5/6) kif fuq deskritt. Spejjeż tal-proċeduri odjerni kollha ikunu, kwantu għal sehem ta' wieħed minn sitta (1/6) a kariku ta' Kevin Bonnici u għar-rimanenti sehem ta' ħamsa minn sitta (5/6) a kariku ta' Paul Demicoli. Imgħax fuImgħax fuq l-ammont hekk likwidat huwa dovut mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

6. B'rikors tal-appell ippreżentat fil-31 ta' Ottubru, 2022 l-atturi fissru illi l-appell tagħhom (i) kien dirett kontra l-konvenuti Paul Demicoli (Demicoli), Kevin Bonnici (Bonnici), Nick Demicoli Construction Co. Limited u Asfaltar Limited (Asfaltar) u kontra dik il-parti tas-sentenza illi ħelset lil Asfaltar mir-responsabbiltà u illikwidat is-somma ta' €140,567 bħala danni minħabba fl-ispejjeż relatati mar-rikostruzzjoni tal-garaxx, u €18,000 bħala telf ta' qliegħ sa Frar 2005 filwaqt li (ii) ma hux dirett kontra l-AIC Joseph Falzon u lanqas kontra dik il-parti tas-sentenza illi ddikjarat lil Paul Demicoli, Nick Demicoli Construction Co. Limited u Kevin Bonnici responsabbli għall-inċident. Għar-raġunijiet hemm mogħtija talbu lil din il-Qorti:

Tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

(i) Tikkonfermaha fejn iddikjarat lil Paul Demicoli, Nick Demicoli Construction Co. Limited u Kevin Bonnici responsabbli għall-inċident u ikkundannathom iħallsu d-danni;

(ii) Tħassarha fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet ta' Asfaltar Limited u ħelsitha mir-responsabbilita' u ċaħdet it-talbiet tal-atturi kontriha, u minflok, tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' Asfaltar Limited, issibha responsabbli flimkien mal-konvenuti l-oħra kundannati u tikkundanna lilha wkoll tħallas id-danni;

(iii) Tirriformaha fil-likwidazzjoni tad-danni minħabba fl-ispejjeż relatati mar-rikostruzzjoni tal-garaxx billi tillikwidaha fis-somma ta' €154,624;

(iv) Tirriformaha fil-likwidazzjoni tad-danni għal lucrum cessans billi tillikwida somma ferm ogħla minn dik likwidata mill-ewwel Qorti.
Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati u bl-imgħax skond il-liġi.

7. Fis-7 ta' Marzu, 2023 il-konvenuti Demicoli u Demicoli Construction ippreżentaw risposta għall-appell tal-atturi kif ukoll Appell Inċidentali li permezz tiegħu għar-raġunijiet hemm mogħtija, talbu lil din il-Qorti tilqa' l-appell inċidentali tagħhom u tirriforma s-sentenza appellata billi:

(i) Tikkonfermaha fil-parti fejn illikwidat id-danni sofferti mill-konjuġi Lawrence u Rita Spagnol u r-rikorrenti Pierre Bellizzi flimkien,

(ii) Tirriforma s-sentenza appellata fejn sabet lis-soċjeta' Nick Demicoli Construction Limited responsabbli għad-danni li nibtu konsegwenza tal-inċident li seħħ fl-4 ta' Ġunju 2004 fi Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Baħar u tiddikjara l-istess soċjeta' mhux responsabbli bl-ebda mod għall-inċident li seħħ u d-danni konsegwenzjali.

(iii) Tirriformaha in kwantu tirrevokaha fejn iddikjarat li l-intimati Paul Demicoli, Nick Demicoli Construction Limited u Kevin Bonnici huma responsabbli li jirriżarċixxu lir-rikorrenti d-danni sofferti mill-konjuġi Lawrence u Rita Spagnol konsistenti fl-ispejjez relatati mar-rikostruzzjoni tal-garaxx, fl-ammont ta' €140,567.00, u minflok tiddikjara li l-appellanti m'għadx kellhom fil-mument li l-kawża mmaturat għad-deċiżjoni, l-interess ġuridiku li jsostnu din it-talba.

8. Rat ir-risposti ta' Asfaltar u ta' Bonnici tal-14 ta' Diċembru, 2022 u tat-3 ta' April 2023 rispettivament; u r-risposta tal-atturi għall-appell

inċidentali tal-konvenuti Paul Demicoli u Nick Demicoli Construction Limited tat-13 ta’ April, 2023.

9. L-appell prinċipali u l-appell inċidentali ġew appuntati għas-smigħ. Fis-seduta tas-6 ta’ Frar 2024 din il-Qorti kif komposta semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet, u l-appell u l-appell inċidentali tħallew għal-lum għas-sentenza.

10. Il-<u>fatti</u> fil-qosor li taw lok għal din il-kawża:

- Ir-rikorrenti, konjuġi Spagnol, huma sidien ta’ garaxxx, li kien jinsab fil-pjan terran ġewwa blokk ta’ appartamenti bl-isem ta’ St. Francis Flats, Triq Ramon Perello, San Pawl il-Baħar filwaqt illi Lawrence Spagnol u Pierre Bellizzi kellhom negozju ta’ *remote controlled vehicles* (RCV’s) li jintużaw f’operazzjonijiet taħt il-baħar.

- Ċertu konjuġi Mulè Stagno, mhux partijiet f’din il-kawża, kienu s-sidien ta’ żewġ *flats* sovrastanti l-garaxx ta’ Spagnol.

- L-intimat Paul Demicoli huwa s-sid ta’ *plot* li jinsab bejn il-blokk magħruf bħala Hal Mann Court u l-blokk fejn kien hemm il-garaxx ta’ Spagnol, magħruf bħala St. Francis Court, liema *plot*, madwar seba’ snin qabel l-akkadut, kien ġia tħammel sa ċirka

sular taħt it-triq, bil-pedamenti taż-żewġ blokok mikxufin, iżda, għal ħafna snin, tħalla abbandunat peress illi ma kien hemm ebda xogħlijiet qed isiru fih.

- Il-ħajt tal-blokk fejn kien hemm il-garaxx tar-rikorrenti, ossija dawk magħrufa bħala St. Francis Flats, kien faċilment viżibbli tant li kien jidher li kien mibni fuq suletta tal-konkos imqiegħed fuq blat magħruf bħala ‘turbazz’.

- F’April tas-sena 2004, l-intimat Paul Demicoli, kuntrattur, beda jagħmel xogħlijiet ġewwa dan il-*plot*, qabbad il-bennejja tiegħu, Charles Tanti u John Baptist Hili, sabiex jibdew xogħlijiet ta’ bini ta’ garaxx kbir u *maisonettes* fuqu.

- Jirriżulta illi l-*plot* kien soġġett għall-*enforcement notice* maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar minħabba fl-istat tal-abbandun tal-*plot*, u għalhekk l-intimat Demicoli kien inkariga lil Asfaltar sabiex tnaddaf l-imbarazz illi kien hemm fuq is-sit anke sabiex ikun jista’ jitkompla x-xogħol ta’ tqattiegħ u xogħol ta’ kostruzzjoni.

- Asfaltar bagħtet lil żewġ impjegati tagħha, Kevin Bonnici u Victor Muscat, sabiex jagħmlu xogħlijiet ta' tindif, illi dam għaddej madwar ġurnata u nofs.

- Wara li sar tali tindif, l-bennejja ta' Paul Demicoli bdew itellgħu l-ħajt tal-*plot* li tmiss mat-triq, bil-materjal lilhom ipprovdut minn Demicoli, liema xogħol ħa madwar erbat ijiem b'kollox.

- Jirriżulta illi nelfrattemp, il-perit ta' Paul Demicoli, il-Perit Joseph Falzon, kien mar fuq is-sit, u għarraf lill-bennejja sabiex jagħmlu xogħol ta' pilastri fuq il-ħajt tal-binja faċċata dik tar-rikorrenti, ossija fuq il-ħitan ta' Hal Mann Courts. Ma tahom ebda struzzjonijiet oħra filwaqt illi ndika li ma kellu jsir ebda xogħol fuq il-ħajt ta' St. Francis Flats.

- Sussegwentement, waqt li kien qed isir tali xogħol mill-bennejja, Demicoli reġa' kellem lill-Asfaltar sabiex jibgħatlu JCB. Għalhekk Paul Magro bagħat lil Kevin Bonnici bil-makkinarju 'JCB' u għarraf lil Bonnici li Demicoli u l-benneja, ħaddiema tiegħu, kienu ser jgħidulu x'għandu jagħmel.

- Dakinhar tat-3 ta' Ġunju, 2004, il-jum tal-inċident, Demicoli kellem lil Bonnici u talbu jqatta' ossija "jittrimmja" is-suletta tal-

konkos illi kienet taħt il-ħajt tal-blokk ta' St. Francis Flats u li kienet qiegħda tisporġi 'l barra fuq il-*plot* tiegħu, kif ukoll "jittrimmja" l-blat li kien hemm taħt is-suletta, sabiex ikun jista' eventwalment itella' ħajt imiss mal-ħajt ta' St. Francis Flats.

- Bonnici hekk għamel u pproċeda biex iqatta' ż-żejjed tas-suletta kollha kif ukoll ittrimmja l-blat taħt is-suletta biex qatta' ħafna miż-żejjed illi kien hemm bejn il-*plot* ta' Demicoli u l-ħajt ta' St. Francis Flats, kif kien għarrfu li kellu jagħmel Demicoli.

- Il-Perit Joseph Falzon ma ntalabx imur fuq il-post waqt li tali xogħlijiet kienu qed isiru filwaqt illi l-bennejja baqgħu għaddejjin jaħdmu fuq il-ħajt ta' ma' Ħal Mann Court peress illi, skont huma, d-direzzjonijiet tax-xogħol kien jagħtihom biss Demicoli.

- Hekk kif Bonnici spiċċa jqatta' s-suletta kollha kif ukoll il-blat taħt l-istess suletta tal-ħajt ta' St. Francis Block, huwa telaq 'l hemm, filwaqt illi l-bennejja Tanti u Hili baqgħu jaħdmu ftit ieħor u telqu għal ħabta tas-2pm.

- Ftit tal-ħin wara ġara illi l-binja ta' St. Francis Block, fejn Kevin Bonnici qata' s-suletta u l-blat iġġarrfet kollha bir-riżultat illi mietu żewġ persuni,  Maria Dolores Zarb u Nadezda Vavilova,

li kienu qegħdin fil-*flat* ta' fuq il-garaxx. L-atturi tilfu l-affarijiet kollha illi kellhom ġewwa l-garaxx.

**L-Appell Prinċipali.**

11. Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom l-atturi jgħidu illi ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti illi ħelset għal kollox lil Asfaltar mir-responsabbiltà għall-akkadut.

12. L-atturi appellanti jisħqu illi l-Ewwel Qorti ma qisitx biżżejjed is-sottomissjoni tagħhom illi Asfaltar twieġeb għal *culpa in eligendo*. Jgħidu illi kemm mix-xhieda kif ukoll mill-konklużjoniji tal-perit tekniku stess irriżulta li Kevin Bonnici ma kienx ta' ħila għax-xogħol li s-soċjetà Asfaltar qabbditu jagħmel. Partikolarment ma kienx intiż kif iħaddem il-JCB. Jirreferu għax-xhieda tal-istess Kevin Bonnici fejn stqarr li dak iż-żmien tal-inċident huwa kien għadu żgħir u f'dak ix-xogħol ma kienx ħadem wisq. Jirreferu għad-dikjarazzjoni ta' Kevin Bonnici mal-pulizija *a tempo vergine* fejn qalilhom li "qatt ma nagħmel l-istess xogħol" u li "nagħmel kollox: xufier u tarmac, xogħol ta' construction". Jgħidu l-atturi li dan juri kemm Bonnici ma kienx bniedem tas-sengħa, li kien ħaddiem li "jiddobba" u li għalhekk Asfaltar kienet ukoll "tiddobba" bis-servizzi tiegħu. Temfasizza illi Asfaltar kienet taf jew messha kienet taf li Bonnici ma kienx ta' ħila għal dak ix-xogħol partikolari, aktar u aktar fejn ix-xogħol seta' joħloq perikolu għal terzi, kif fil-fatt ġara

13. L-appellanti jirreferu għax-xhieda ta' Paul Magro rappreżentant ta' Asfaltar fejn xhed illi huwa bagħat lil Kevin Bonnici mhux biex iqatta' iżda sabiex inaddaf, li kien bagħtu "b'JCB bil-barmil", u li kellu jirċievi l-istruzzjonijiet ta' dak li kellu jagħmel fuq is-sit minn Demicoli jew mill-ħaddiema tiegħu. L-atturi jgħidu illi Paul Magro ġie mgiddeb minn diversi xhieda li raw il-JCB iqatta' s-suletta bil-musmar (martell). Jgħidu illi fl-aħjar ipotesi għal Asfaltar hija ħatja ta' *culpa in eligendo* għax għażlet li tinqeda b'lavrant bla esperjenza bla ma ngħatawlu struzzjonijiet speċifiċi ta' x'għandu u x'ma għandux jagħmel u fl-agħar ipotesi għaliha Asfaltar hija kompliċi f'dak li ġara għax id-direttur tagħha bagħat lill-lavrant fuq is-sit b'JCB armat bil-musmar, u allura bl-intenzjoni li jintuża għat-tqattiegħ.

14. Fir-<u>risposta</u> tagħha għall-appell prinċipali <u>Asfaltar u Kevin Bonnici</u> jirribattu l-appell fil-konfront tagħhom billi jgħidu illi oriġinarjament is-sottomissjoni tal-atturi kienet illi Asfaltar hija responsabbli taħt *colpa in vigilando* għall-għemil ta' Kevin Bonnici iżda dan l-argument ixxejjen meta ġie emfasizzat illi Kevin Bonnici ħadem taħt l-ordnijiet u s-superviżjoni tal-konvenut Perit Joseph Falzon u tal-konvenut kuntrattur Demicoli. Jgħidu illi l-argument tal-atturi dwar *colpa in vigilando* jidher li ġie abbandunat favur l-argument ta' *colpa in eligendo*. Jgħidu illi l-argument tal-atturi huwa maqtugħ għal kollox mir-realtà tal-lant tax-xogħol u l-kunċett ta' *colpa in eligendo*. Jgħidu illi Kevin Bonnici ma kienx xi naqra ta' tifel kif

jippruvaw jgħidu l-atturi iżda kellu fil-jum tal-inċident 29 sena. Jisħqu Asfaltar u l-istess Kevin Bonnici illi mhux minnu illi Magro bagħat lil Bonnic għall-martell (musmar) u dan huwa ammess minn Bonnici stess. Il-JCB hija armata mhux biss bil-barmil iżda wkoll bil-martell. Magro ċaħad li qatt bagħat lil Bonnici sabiex imur jagħmel tqattiegħ iżda sabiex jiġbor il-materjal (turbazz). Jgħidu illi filwaqt li Asfaltar bagħtet lil Bonnici sabiex inaddaf, huwa ġie mqabbad minn Demicoli sabiex iqatta'. Jgħidu illi dak li possibilment wassal għall-akkadut kien li l-kuntrattur ordna li s-suletta u s-sottoswol tagħha jitqattgħu u li għalhekk Bonnici seta' kien l-aqwa ħaddiem tas-sengħa u xorta waħda kien jiġri dak li ġara.

15. Dwar l-argument tal-atturi fir-rigward ta' *colpa in eligendo* jgħidu illi kienu l-atturi li kellhom l-oneru li jippruvaw in-*nexus* bejn l-aġir tal-konvenut appellat, f'dan il-każ Asfaltar, u d-danni minnhom sofferti. Jgħidu illi l-provi juru illi x-xogħol minn Kevin Bonnici "sar sewwa iżda qatt ma kellu jsir". Jisħqu illi l-atturi qed jinjoraw l-eżistenza strateġika u kruċjali tal-kuntrattur Demicoli illi kien hu illi, bħala l-kuntrattur, kellu d-direzzjoni u l-amministrazzjoni tas-sit.

16. Fir-<u>risposta</u> għal dan l-aggravju <u>Paul Demicoli u Nick Demicoli Construction Limited</u> jgħidu illi Asfaltar kienet taf li fuq il-lant kellu jsir xogħol ta' tqattiegħ u li kienet qed tibgħat għal dan ix-xogħol impjegat li ma kellux l-istruzzjoni ta' kif juża din il-magna u allura ma nbghattx

ħaddiem ta' sengħa u esperjenza għax-xogħol rikjest. Jgħidu illi mhux minnu li f'moħħ Paul Magro għal Asfaltar kien hemm il-ħsieb li ma jsirx tqattiegħ u dan peress li Kevin Bonnici ġie ordnat li jieħu l-martell.

Ikkunsidrat;

17. L-Ewwel Qorti sabet responsabbli għall-akkadut lill-konvenuti Paul Demicoli (is-sid tal-*plot* u l-kuntrattur tax-xogħlijiet), lil Nick Demicoli Construction Limited u lil Kevin Bonnici, l-impjegat ta' Asfaltar. Għal ċertu xogħol, fosthom tindif tal-*plot* u tqattiegħ, Paul Demicoli kien iqabbad lil Asfaltar Limited, rappreżentata minn Paul Magro.

18. L-Ewwel Qorti ma sabet l-ebda responsabbilità fuq Asfaltar għaliex qieset illi r-rappreżentant tagħha, Paul Magro, "kien kontra li jsiru kwalsiasi xogħlijiet fuq il-ħajt diviżorju ta' St. Francis Flats, u li meta bagħat lil Kevin Bonnici t-tieni darba, l-istruzzjonijiet li tah kienu biss sabiex inaddaf ulterjorment il-*plot*, u mhux li jqatta' l-blat u s-suletta, kif evidentement għażel li jagħmel Bonnici fuq direzzjoni ta' Demicoli." Żiedet tgħid l-Ewwel Qorti illi:

"... fil-każ ta' Asfaltar, ħareġ ċar li Paul Magro kien kontra li jsiru kwalsiasi xogħolijiet fuq il-ħajt diviżorju ta' St. Francis Flats u, meta bagħat lill-Kevin Bonnici t-tieni darba, l-istruzzjonijet li tah kienu biss sabiex inaddaf

ulterjorment il-plot, u mhux li jqatta' l-blat u s-suletta, kif eventwalment għażel illi jagħmel Bonnici fuq direzzjoni ta' Demicoli."

19. Kif rajna l-atturi appellanti jisħqu illi Asfaltar kellha wkoll tinstab responsabbli għaliex l-impjegat tagħha Kevin Bonnici ma kienx ta' ħila għax-xogħol li Asfaltar qabditu jagħmel. Jilmentaw l-atturi illi l-Ewwel Qorti ma qisitx biżżejjed is-sottomissjoni tagħhom illi Asfaltar għandha twieġeb għal *culpa in eligendo*.

20. *Culpa in eligendo* hija regolata fil-liġi tagħna permezz ta' **Artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili**:

> "Kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna mhux ta' ħila, jew illi hu ma jkollux raġun jaħseb li hija ta' ħila, hu obbligat għall-ħsara illi dik il-persuna, minħabba n-nuqqas ta' ħila tagħha, tikkaġuna lil ħaddiehor fl-eżekuzzjoni tax-xogħol jew servizz hawn fuq imsemmi."

21. Il-ġurisprudenza nostrana hi fis-sens illi l-*culpa in eligendo* llum tinkludi r-responsabbilità ta' persuna għall-atti tal-impjegati tagħha li jikkawżaw danni lil terzi. Kieku Bonnici kien persuna ta' ħila ma kienx jagħmel dak ix-xogħol li effettivament għamel u li ġab konsegwenzi diżastrużi. (ara **Joseph Camilleri et. v. Pierre Debono et**. – Appell Superjuri - 29 ta' Frar, 2024; ara wkoll **Alexander Debono et v. Span Properties Limited** – Appell Superjuri - 26 ta' Ottubru, 2022; **Alexander Zammit et v. Carmel Mifsud et** - Appell Superjuri - 23 ta' Frar, 2022; u

**Mary Buttigieg v. John Polidano et**. – Appell Superjuri - 27 ta' Mejju, 2016).

22. Rilevanti wkoll dak li nżamm minn din il-Qorti fis-sentenza **GO p.l.c. v. Angelo Schembri et.** mogħtija fil-31 ta' Mejju, 2023:

> "..... il-Qorti tibda biex tgħid li ġaladarba l-konvenut Schembri kien qed iwettaq ix-xogħol fuq inkarigu tal-konvenuta Enemalta u rriżulta li dan ma wettaqx l-inkarigu tiegħu b'mod prudenti u diliġenti, tant li kkawża l-ħsarat lamentati mill-attriċi, allura fuq hekk biss l-Ewwel Qorti kellha ssib lill-appellata Enemalta, solidalment responsabbli flimkien ma' Schembri u dan abbażi tal-Artikolu 1037 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan qiegħed jingħad għaliex kif intqal minn dik il-Qorti fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta'Awtorità għat-Trasport f'Malta v. Carmel Spiteri bin Emanuel u Carmel Spiteri, deċiża fl-24 ta' Ġunju 2021: "Il-Qrati applikaw il-prinċipju ta' responsabbiltà għall-*culpa in eligendo,* liema kunċett gie estiż fil-ġurisprudenza tagħna mhux biss għall-mument meta l-istess persuna tiġi ngaġġata, iżda ifisser ukoll li l-persuna li tinkariga persuna oħra li tagħmel xi xogħol, tibqa' hija responsabbli wkoll, jekk dik il-persuna li effettivament ħadmet taħt inkarigu tagħha tkun għamlet ix-xogħol b'negliġenza u nuqqas ta' ħila skont il-provvediment tal-liġi fuq ċitat."

23. L-inċident li wassal għad-danni reklamati mill-atturi appellanti seħħ unikament riżultat tat-tqattiegħ ta' parti mill-konkos tal-pedament ta' taħt il-ħajt tal-appoġġ u l-iskavar ta' taħtu mwettaq Bonnici, ħaddiem ta' Asfaltar, bl-użu ta' JCB armat bil-musmar ukoll ta' Asfaltar. Ix-xhud Tony Camilleri xehed illi hu ra lil tal-JCB maġenb il-ħajt tal-appoġġ li eventwalment waqa' u kien qed iqatta' l-konkos tal-pedament u nkixfet ix-xibka u li dan it-tkissir u qtugħ tax-xibka sar bil-musmar.[1]

[1] Fol. 820, Vol. IV

24. L-Ewwel Qorti sabet grad ta' responsabbilità fuq Kevin Bonnici għaliex qieset illi għalkemm irriżultalha li kien Paul Demicoli li tah l-istruzzjonijiet sabiex titqatta' s-suletta ta' taħt il-ħajt tal-appoġġ kif ukoll jitqatta' l-blat li kien hemm taħt is-suletta, sabet li Bonnici naqas: "in-nuqqas ta' Bonnici milli jħares lejn id-distanzi u jħaffer bil-galbu u skond is-sengħa u l-arti ma jista' qatt jiskolpa lill-istess Bonnici minn parti tar-responsabbilta' għall-akkadut. Huwa messu aġixxa b'aktar prudenza f'xogħolu, liema nuqqas wassal sabiex eventwalment jiġġarraf il-bini u jmutu n-nies." Ma sar l-ebda appell mis-sejbin tal-Ewwel Qorti illi Kevin Bonnici wkoll kien responsabbli għall-inċident. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi ġaladarba rriżulta illi b'dak li għamel Bonnici l-atturi sofrew danni, isegwi li Bonnici ma kienx kompetenti f'xogħolu għaliex bniedem tas-sengħa fl-użu ta' skavar kellu mill-ewwel jintebah illi dak li kien qed jitlob Demicoli kien qed jipperikola l-istabilità tal-ħajt tal-appoġġ. Bniedem tas-sengħa ma jeżegwix b'għajejh magħluqa l-ordnijiet lilu mogħtija, irrispettivament jekk min qed jagħtihom hux is-sid jew il-kuntrattur. Għall-konsegwenzi ta' din l-inkompetenza huwa responsabbli wkoll versu l-atturi min kien jimpjega lil Kevin Bonnici.

25. Għalhekk qed issib illi għall-inċident mertu tal-kawża hija responsabbli wkoll is-soċjetà konvenuta Asfaltar Limited solidalment mal-impjegat tagħha Kevin Bonnici u fl-istess grad u proporzjon illi sabet l-Ewwel Qorti.

26. **Dan l-ewwel aggravju qed jiġi akkolt.**

27. Permezz tat-tieni aggravju l-atturi jgħidu illi meta l-Ewwel Qorti illikwidat id-danni fis-somma ta' €140,567.00 ma żiditx l-ekwivalenti ta' għaxra fil-mija (10%) sabiex tagħmel tajjeb għall-kontinġenzi (*contingencies*) kif għamlet il-perit tekniku fil-komputazzjoni tad-danni.

28. Il-konvenuti Paul Demicoli u Nick Demicoli Construction Limited jirribattu fir-risposta tagħhom illi d-danni likwidati mill-perit tekniku diġà huma esaġerati. Jgħidu wkoll illi l-likwidazzjoni tad-danni m'għandhiex tkun imsejsa fuq spekulazzjoni.

29. Din il-Qorti tqis dan it-tieni aggravju bħala infondat. L-għaxra fil-mija (10%) żieda għal kontingenżi fiċ-ċirkostanzi ma hux ġustifikat. Il-perit *ex parte* inkarigat mill-atturi kien fil-bidu tal-proċeduri ta stima ta' €59,289.00. Il-perit tekniku nominata mill-Ewwel Qorti tat stima ta' €99,865.70 filwaqt li l-Ewwel Qorti illikwidat l-ammont meħtieġ għar-rikostruzzjoni tal-garaxx fis-somma ta' €140,567.00. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti tqis illi l-atturi appellanti ma resqux raġunijiet validi għaliex għandhom jedd ukoll għal 10% tas-somma likwidata ta' €140,567.00.

30. **Dan it-tieni aggravju tal-atturi appellanti qed jiġi respint**.

31. Permezz tat-<u>tielet aggravju</u> tagħhom l-atturi appellanti jattakkaw is-sentenza appellata safejn illikwidat l-ammont ta' *lucrum cessans* soffert minnhom fis-somma ta' €18,000 bħala telf ta' qligħ sa Frar 2005 meta l-atturi xtraw żewġ ROV's ġodda. Jgħidu illi fi Frar 2005 ma setgħux jibdew ix-xogħol bħallikieku ma kienx hemm din l-interruzzjoni trawmatika. Jilmentaw illli mhux raġonevoli l-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti illi l-ġranet ta' telf ta' xogħol tagħhom kien biss sittin (60) jum. Jgħidu illi skont il-kalkoli li għamlet l-Ewwel Qorti f'sena hemm biss disgħin (90) 'actual weather window operational days". Jgħidu li dan mhux korrett u jirreferu għax-xhieda tal-attur Paul Bellizzi fejn dan spjega illi f'sena normali jkun hemm bejn 90 u 150 jum ta' xogħol bl-ROV's, li jinkludu *stand-by-days* li jitħallsu xorta bir-rata normali. Għalhekk jisħqu illi l-Ewwel Qorti kellha tieħu l-medja bejn 90 u 150 jum, ie. 120 jum. Iżidu jgħidu l-atturi appellanti illi t-telf li sofrew ma kienx biss tal-kiri tal-apparat iżda wkoll ix-xogħol tal-operatur tal-apparat li jagħmluh ukoll l-atturi. Skont l-atturi il-medja ta' dħul minn xogħol (kiri ta' apparat u *mano d'opera*) li sar wara l-inċident kienet madwar €2,222 kull jum u għalhekk jgħidu illi l-pretensjoni tagħhom għal €1,550 għal kull jum mitluf hija stima konservattiva u raġonevoli u kompatibbli ma' ħlas għal xogħlijiet li wettqu wara l-inċident. Jinsistu illi jekk wieħed jieħu in konsiderazzjoni 60 ġurnata xogħol biss kif għamlet l-Ewwel Qorti, it-telf ilaħħaq €90,000 u mhux l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti.

32. Fir-<u>risposta</u> tagħhom <u>Demicoli u Demicoli Construction</u> jirribattu dan it-tielet aggravju billi jgħidu illi sakemm iġġarfu l-ROV's qatt ma kienu intużaw kummerċjalment. Dawn l-ROV's kienu inxtraw *second hand* u l-atturi kienu għamlu biss xi provi bihom. Isemmu illi l-atturi kellhom dejjem l-obbligu illi jimminimizzaw id-danni li sofrew. Id-danni li għalihom huma intitolati l-atturi kellu dejjem jiġi limitati għall-perjodu bejn meta seħħ l-inċident fit-3 ta' Ġunju, 2004 u l-bidu ta' Frar 2005 meta l-ROV's ġew rimpjazzati.

33. Demicoli u Demicoli Construction jemfasizzaw illi d-danni reklamati ma jistgħu qatt ikunu spekulattivi u huwa fatt illi sal-jum tal-inċident l-atturi ma kienx għad għandhom lanqas kuntratt wieħed dwar l-ROV's. Jgħidu illi hemm inkonsistenza bejn dak li l-atturi talbu fin-nota ta' osservazzjonijiet finali tagħhom u dak li huma stess xehdu. Jirreferu għax-xhieda ta' Pierre Bellizzi mogħtija fit-2 ta' Marzu, 2011 fejn dan iddikjara illi "The 90 days is the actual weather window operational days that would be applied to at a full rate." Għalhekk jisħqu illi l-argument tal-atturi li l-Ewwel Qorti kellha tieħu l-medja bejn 90 jum u 150 jum ma jreġġix. Jikritikaw ukoll ir-rata għal kull jum ta' telf pretiża mill-atturi ta' €1,500 għal kull ġurnata xogħol mitlufa. Jissenjalaw illi tali pretensjoni hija kontradetta mill-istess attur Pierre Bellizzi meta fis-6 ta' Novembru,

2019 iddikjara illi bejn is-sena 2015 u s-sena 2018 ir-rata ta' dħul kienet bir-rata ta' bejn £200 sa massimu ta' £550 kuljum.

34. Fir-risposta tagħhom għal dan it-tielet aggravju l-appellati Asfaltar u Kevin Bonnici jagħmlu tagħhom ir-risposti tal-konvenuti l-oħra u jżidu jgħidu illi l-pretensjoni tal-atturi dwar *lucrum cessans* fl-ammont ta' €442,500 ġiet imsejsa fuq rata ta' kiri kuljum għal żmien tliet snin meta l-atturi kellhom l-obbligu illi jimminimizzaw id-danni. Jgħidu illi meta tqis illi l-valur tal-RUV's distrutti ġie stabbilit li kien €75,306, il-pretensjoni tal-atturi għas-somma ta' €442,500 "tiżvanixxi".

Ikkunsidrat;

35. L-Ewwel Qorti illikwidat id-danni taħt il-kappa ta' *lucrum cessans* fis-somma ta' €18,000 wara li għamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti;

> 116. Jirriżulta mhux ikkontestat illi r-rikorrenti, fil-mument li seħħ l-akkadut, kienu bdew operazzjoni kummerċjali bejniethom, li eventwalment wasslet għall-kreazzjoni tas-soċjeta' Commercial Diving and Marine Services Limited (CDMS Ltd) fl-1 ta' Lulju 2004, ossija ftit xhur wara l-akkadut, li, fi kliem ir-rapport tad-Diretturi a fol 1693, kellha bħala attivita prinċipali: "to provide in a general manner all kinds of professional services in any kind of field and under any aspect be it commercial, technical, mechanical, engineering, industrial or otherwise"
>
> 117. Jirriżulta wkoll illi, bħala parti mis-servizzi li kienu ser jipprovdu, kien hemm dak ta' spezzjoniijet marittimi permezz ta' ROV li l-istess rikorrenti kienu akkwistaw fl-aħħar tas-sena 2003.
>
> 118. Jirriżulta illi, sa dakinhar illi seħħ l-akkadut, ossija t-3 ta' Ġunju 2004, ir-rikorrenti kienu għadhom, la ffurmaw il-kumpannija CDMS Ltd, kif ġia fuq indikat, u wisq anqas bdew jipprovdu servizz kummerċjali, iżda kienu

għadhom fi stadju illi jipprovaw l-apparat illi huma kienu akkwistaw 'second hand'.

119. Jirriżulta illi wara l-akkadut, f'Diċembru tas-sena 2004, ir-rikorrenti kienu reġgħu akkwistaw żewġ ROV's identiċi għal dawk illi kienu ġġarfu riżultat tal-akkadut, bl-istess prezz ta' dawk ta' qabel, liema ROV's wasslu fi Frar 2005, iżda kellhom problemi bihom, u għalhekk spiċċaw ma setgħux jipprovdu s-servizz mixtieq bihom. Eventwalment, fis-sena 2009, jiġifieri ħames snin wara l-akkadut, is-soċjeta' CDMS Limited, allura ffurmata, akkwistat ROV's differenti, li din id-darba swew €82,000.

120. Jirriżulta, għalhekk, illi bejn l-akkadut, u x-xirja eventwali tat-tieni sett ta' ROV's, ossija bejn Ġunju 2004 u Frar 2005, ir-rikorrenti kienu fl-impossibilta' illi joperaw servizz permezz ta' ROV's.

121. Jirriżulta illi, għalhekk, il-Qorti għandha tqis illi kwalsiasi qliegħ illi setgħu jagħmlu r-rikorrenti, f'tali perjodu, għandu jitqies bħala telf ta' qliegħ, illi għalih iridu jagħmlu tajjeb il-persuni responsabbli għall-akkadut – Paul Demicoli u Kevin Bonnici.

122. Hawnhekk, il-Qorti tagħmel referenza għal dak mitlub mir-rikorrenti, fejn estendew il-perjodu ta' lucrum cessans għal sentejn wara li akkwistaw il-ROV's biex jirrimpjazzaw dak li ġġarfu, jiġifieri sas-sena 2007. Din il-Qorti ma taqbilx ma' tali rikjesta, u tirrileva li, fi Frar 2005, ir-rikorrent akkwistaw żewġ ROV's oħra sabiex jirrimpjazzaw dak li kienu ġarrfu, u għalhekk kienu f'posizzjoni illi joperaw mill-ġdid. Għalhekk, ir-rikorrenti ma jistgħux jikkontendu li kellhom telf ta' qliegħ sas-sena 2007. Apparti minn hekk, għalkemm ir-rikorrenti jikkontendu illi r-ROV's li kienu ġġarfu kienu jaħdmu tajjeb filwaqt illi dawk li ġabu biex jirrimpjazzaw, ma ħadmux tajjeb, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi r-rikorrenti ma jistgħux b'ċertezza jikkonfermaw illi r-ROV's li kellhom qabel, li kienu identiċi għal dawk li sussegwentement ġabu, ma kinux ser jsofru mill-istess problemi li kellhom it-tieni sett ta' ROV's. Għalhekk, il-fatt li t-tieni sett ta' ROV's ma ħadmux u, għalhekk, ma ġġenerawx il-qliegħ mixtieq, ċertament ma jistax jiġi attribwit għal fatt li ġġarfu l-ewwel sett ta' ROV's, stante illi l-ewwel sett ta' ROV's qatt ma jidher li ġew użati fix-xogħol, u għalhekk qatt ma ġew sottoposti għall-kundizzjonijiet li wasslu għat-tieni sett ta' ROV's biex ifallu.

123. Di fatti, mid-dokumentazzjoni voluminuża ppreżentata mir-rikorrenti fil-mori tal-proċess odjern, jidher ċar illi, sa dakinhar tal-akkadut, ir-rikorrenti, personalment, kienu għadhom ma kellhom ebda ingaġġ uffiċjali għall-servizzi li eventwalment ma setgħux jagħmlu riżultat tat-telfien tal-apparat ROV.

124. Jirriżulta, iżda, illi r-rikorrenti kellhom varji rikjesti għal quotations għas-servizz tagħhom, fosthom, darba minnhom, għal dive survey support ġewwa l-Libya, kif jidher f'email li tinstab a fol 1576 – madanakollu, jidher illi r-rikorrenti ma ppreżentaw ebda 'quotation' li

kienet tissemma' f'tali korrispondenza sabiex il-Qorti tingħata stampa ċara dwar ir-rata minnhom adoperati dak iż-żmien.

125. Jirriżulta illi, fil-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* kif redatta mill-abbli difensur tar-rikorrent, ġie indikat illi r-rikorrenti tilfu madwar (55) ħamsa u ħamsin ġurnata xogħol fis-sena 2004 u kull jum, ir-rata media konservattiva u raġjonevoli kienet ta' €1,500 kull jum, bir-riżultat li, skond ir-rikorrenti, fis-sena 2004, huma tilfu qligħ ta' madwar €82,500.

126. Jirriżulta wkoll, kif ġia fuq osservat, illi, b'żieda ma' dan, ir-rikorrenti jikkontendu wkoll illi għas-sentejn ta' wara, huma baqgħu jitilfu xogħol peress illi l-ROV's li kienu ġabu ma kinux qed jaħdmu kif mixtieq. Għalhekk, huma kkwantifikaw id-danni minnhom sofferti fis-sentejn ta' wara l-ammont ta' €360,000, jiġifieri €1,500 kull jum, għal madwar 120 ġurnata fis-sena, u dana għal sentejn.

127. Jirriżulta, għalhekk, illi l-ammont totali mitlub bħala 'lucrum cessans' huwa ta' €442,500.

128. Mill-banda l-oħra, l-intimati jikkontendu illi tali kalkoli huma biss spekulattivi u mhux ibbażati fuq fatti, u illi ma jirrispekkjawx il-qliegħ dikjarat mir-rikorrenti stess malAwtoritajiet uffiċjali tat-taxxa għas-snin minn 2002 sa 2007.

129. Dwar ġranet ta' xogħol mitlufin, l-abbli difensur ta' Paul Demicoli jagħmel referenza għax-xhieda tar-rikorrent Pierre Bellizzi, li jidher li huwa l-persuna responsabbli millkonteġġi kollha tal-attivita' kummerċjali tar-rikorrenti, fejn l-istess Bellizzi stqarr li f'sena, dak 'l hekk imsejjaħ "actual weather window operational days" ma kinux aktar minn 90 ġurnata – tali dikjarazzjoni, il-Qorti tirrileva, ma tikkombaċċjax malasserzjoni tal-abbli difensur tar-rikorrenti, li f'sena jkun hemm 120 ġurnata xogħol.

130. Il-Qorti tosserva wkoll illi, meta seħħ l-akkadut, nofs is-sena kienet ġia għaddiet, u għalhekk, tenut kont tal-assersjoni magħmula minn Bellizzi, fl-aħjar ipoteżi, għas-sena 2004, kien għad fadallhom 45 ġranet ta' xogħol prospettiv. Il-Qorti hawnhekk tirrileva li filwaqt li d-difensur ta' Paul Demicoli jindika li fil-perjodu meta r-rikorrenti ma kellhomx ROV's, kellu jiġi ikkunsidrat li tilfu 30 ġurnata xogħol, il-Qorti tqis illi jkun aktar raġjonevoli illi dawna jitqiesu komplessivament bħala 45 ġurnata xogħol għassena 2004 u 15-il ġurnata għax-xahrejn sa Frar 2005, li jagħmlu total ta' 60 ġurnata.

131. Il-Qorti tosserva wkoll illi, kif osservat korrettement il-konsulent legali tal-Perit Joseph Falzon, jirriżulta mid-dokumentazzjoni eżebita minn Pierre Bellizzi, illi fis-snin 2015 sa 2018, ossija għaxar snin wara l-akkadut, ROV's aktar avvanzati minn dawk fil-pussess tar-rikorrenti meta seħħ l-akkadut, kienu jinkrew għal bejn 200 Stg sa 250 Stg kull jum, ossija madwar €250 sa €300 kull jum.

> 132. Ikkunsidrat illi l-kirijiet fuq imsemmija huma lkoll suġġetti għal skont ta' 30%, kif jidher fl-invoices ppreżentati, kif ukoll illi huma maħruġa fis-snin 2016/2017 u b'apparat aktar modern minn dak li ġġarraf, il-Qorti tqis illi s-somma ta' €150 kull jum għal kiri ta' kull ROV li ġġarraf, fis-sena 2004/2005, hija waħda ġusta u meritevoli, meta tqis illi dawna l-valur għandhom jirrispekkjaw dak kkontemplat fissena 2004, jiġifieri tnax-il sena qabel.
>
> 133. Għaldaqstant, tenut kont ta' dana l-osservazzjonjiet kollha, il-Qorti tqis illi, bħala lucrum cessans, ir-rikorrenti għandhom jigu kkumpensati għal 60 ġurnata xogħol għal kull wieħed mill-ROV, jiġifieri 120 gurnata b'kollox, bir-rata ta' €150 kull jum, li f'total jagħmlu telf ta' qliegħ fl-import ta' tmintax-il elf Euro (€18,000).

36. Din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fil-kunsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti rigwardanti l-likwidazzjoni tad-danni *lucrum cessans*. Din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, tqis illi l-pretensjoni ta' €442,500 *lucrum cessans* mill-atturi hija pretensjoni esaġerata għall-aħħar li ma ssib l-ebda fondament fil-provi mressqa. Anzi din il-Qorti tqis illi pjuttost is-sentenza appellata kienet ġeneruża mal-atturi f'dan ir-rigward meta tqis illi l-Ewwel Qorti kkunsidrat li d-danni dwar telf ta' qligħ bdew għaddejjin mill-mument li l-ROV's ġew distrutti *nonostante* illi ġie ampjament stabbilit illi f'dak il-mument l-atturi lanqas kien għad għandhom ordni waħda għall-użu tagħhom; li kienu għadhom għaddejjin bit-testijiet tagħhom; li kien apparat *second hand* u allura suxxettibbli għall-frekwenza aktar għolja ta' waqfien u ħsarat meta komparat ma' apparat ġdid; li l-atturi kien għadhom ma waqfux il-kumpanija CDMS Limited[2] li permezz tagħha kienu ser joperaw dan in-negozju flimkien; u li l-apparat, ukoll *second hand*, li l-atturi xtraw sabiex jirrimpjazzaw dawk distrutti ma ħadimx.

---

[2] Din twaqqfet *circa* xahrejn wara l-inċident.

37. **Tiċħad għalhekk dan it-tielet aggravju tal-atturi appellanti**.

**Appell Inċidentali**.

38. Permezz tal-appell inċidentali tagħhom il-konvenuti Paul Demicoli u Nick Demicoli Construction resqu żewġ aggravji.

39. Permezz tal-ewwel aggravju fl-appell inċidentali tagħhom jgħidu illi Nick Demicoli Construction Limited ma kellhiex x'taqsam max-xogħol eżegwit u d-danni konsegwenzjali. Jgħidu illi ma nġabet l-ebda prova illi kienet b'xi mod involuta fix-xogħol li wassal għat-tiġrif tal-binja u d-danni konsegwenzjali.

40. L-atturi jirrispondu illi din hija l-ewwel darba li saret din l-allegazzjoni. Jgħidu illi l-involviment ta' Nick Demicoli Construction Limited ma kienx kontestat quddiem l-Ewwel Qorti u li la hu leċitu u lanqas korrett illi din l-eċċezzjoni titressaq f'dan l-istadju. Fi kwalunkwe każ jirrimettu ruħhom dwar dan l-aggravju għalkemm jgħidu illi f'kull każ l-ispejjeż ta' Nick Demicoli Construction Limited għandha tbatihom hi ladarba kien biss f'dan l-istadju illi ħarġet b'din l-eċċezzjoni.

41. Jidher illi anke l-istess atturi jaċċettaw illi fl-atti ma hemmx provi li jorbtu lil Nick Demicoli Construction Co. Limited ma' dak li ġara. Għalkemm huwa minnu, kif jgħidu l-atturi, illi quddiem l-Ewwel Qorti ma tresqitx tali eċċezzjoni; huwa minnu wkoll illi l-kumpanija konvenuta Nick Demicoli Construction Co. Limited baqgħet kontumaċi. Huwa paċifiku illi l-kontumaċja ma hix ammissjoni imma kontestazzjoni bl-oneru fuq l-atturi illi jippruvaw ir-responsabbilità tagħha għall-akkadut.

42. Din il-prova ma saritx u għalhekk dan l-ewwel aggravju huwa fondat.

43. **Għaldaqstant tilqa' l-ewwel aggravju fl-appell inċidentali**.

44. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> l-appellanti inċidentali jressqu l-eċċezzjoni ulterjuri illi minħabba li l-atturi Spagnol ma kienux il-padruni assoluti tal-garaxx imma kellhom biss l-*utile dominium* temporanju li skada fil-mori tal-kawża, jisħqu illi "ir-Rikorrenti ma kienx għad għandhom l-interess ġuridiku li jitolbu d-danni għar-rikostruzzjoni ta' dan il-garaxx u l-ammont ta' danni likwidati favur tagħhom ma humiex la mistħoqqa u lanqas legalment fondati."

45. L-appellanti inċidentali jgħidu illi l-art li fuqha kien mibni il-garaxx mertu tal-kawża irriverta lura lill-Gvern ta' Malta (l-Uffiċċju Konġunt) fis-

sena 2019 peress li l-atturi Spagnol kellhom biss l-*utile dominium* tal-ġaraxx in kwisjtoni. Jagħmlu referenza għall-kuntratt ippubblikat min-Nutar Carmel Martinelli anness maċ-ċitazzjoni li tat bidu għal din il-kawża. Jgħidu li llum l-atturi tilfu l-interess ġuridiku fit-talba għar-riżarċiment tad-danni sabiex jinbena mill-ġdid il-garaxx imġarraf.

46. L-<u>atturi appellati inċidentalment jirrispondu</u> illi dak li hu rilevanti huwa meta seħħ l-inċident u cioè fis-sena 2004 u mhux fis-sena 2019 jew wara. Kellhom il-jedd li jkomplu jgawdu l-proprjetà għal *circa* ħmistax-il sena wara li seħħ l-inċident u għalhekk min hu responsabbli għall-ħsara għandu jħallas l-ispejjeż meħtieġa biex l-art terġa titqiegħed fi stat li l-atturi setgħu jkomplu jgawduwha sakemm kellu jibqa' fis-seħħ it-titolu tagħhom. Jgħidu illi d-danni likwidati mill-Ewwel Qorti kienu meħtieġa biex tissewwa l-ħsara u jibqgħu hekk meħtieġa kemm jekk l-atturi jgawdu l-proprjetà għal ħmistax-il sena u kemm jekk igawduha għal dejjem. L-ispejjeż mhux ser jiġu anqas għax il-binja wara ħmistax-il sena tgħaddi għand id-direttarju.

Ikkunsidrat;

47. Fil-fehma ta' din il-Qorti, bil-fatt illi fil-mori tal-kawża skada ċ-ċens temporanju li kellhom favur tagħhom l-atturi Spagnol fil-mument tal-inċident ma biddel xejn mill-jeddijiet tagħhom illi jfittxu lil min kien

responsabbli għall-inċident sabiex iħallas l-ispejjeż meħtieġa għal rikostruzzjoni tal-garaxx imġarraf. L-azzjoni għad-danni hija ntiża sabiex tqiegħed lill-vittma fl-istat li kien qabel il-jeddijiet tiegħu ġew travolti. L-atturi Spagnol għad għandhom l-interess meħtieġ sabiex jirkupraw mingħand min kisrilhom il-jeddijiet tagħhom l-ispejjeż meħtieġa għar-rikostruzzjoni tal-garaxx. Ma ġietx kontestata l-pretensjoni tal-atturi Spagnol illi sal-lum huma għad għandhom il-pussess *de facto* tas-sit fejn kellhom il-garaxx. L-atturi Spagnol jgħidu illi qegħdin fi trattattivi mal-awtoritajiet kompetenti sabiex iġeddu ċ-ċens temporanju.

48. Dan apparti, l-interess ġuridiku ta' Spagnol li jirkupraw l-ispejjeż meħtieġa għar-rikostruzzjoni tal-garaxx għadu hemm anke wara l-iskadenza taċ-ċens temporanju. Fl-ewwel lok għaliex is-sentenza finali trid tieħu 'l partijiet lura fl-istat li kienu fih meta seħħ l-inċident. Fit-tieni lok għaliex bħala ċenswalisti l-atturi Spagnol kellhom u għad għandhom id-dmir li jesegwixxu kull obbligu li skont il-liġi għandhom is-sidien ta' bini u ta' artijiet (**Art. 1507, Kodiċi Ċivili**) filwaqt li għandhom ukoll l-obbligu illi jirritornaw il-fond lid-direttarju fi stat tajjeb (**Art. 1505, Kodiċi Ċivili**. (ara. **Arthur Borg et. v. Charles Abela Mizzi et**. – Qorti tal-Appell – 2 ta' Frar, 1996; **Vincent Curmi et. v. Casma Limited et.** – Qorti tal-Appell – 16 ta' Diċembru, 2019; **Josephine Azzopardi pro et noe v. Carmelo Borg et.** – Qorti tal-Appell – 31 ta' Mejju, 2023)

49. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi ġialadarba l-atturi Spagnol għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb il-fond *uti bonus pater familias* u li jirritornawh lid-direttarju fi stat tajjeb, l-interess ġuridiku tagħhom li jirkupraw id-danni konsegwenzjali mertu tal-kawża sabiex issir ir-rikostruzzjoni jibqa' sakemm jibqa' l-obbligu tagħhom illi jirritornaw il-fond lid-direttarju fi stat tajjeb.

50. Għalhekk tqis illi l-atturi Spagnol għad għandhom l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex jirkupraw l-ispejjeż meħtieġa għar-rikostruzzjoni tal-garaxx mertu tal-kawża.

51. **Għaldaqtant tiċħad it-tieni aggravju fl-appell inċidentali**.

**Decide**.

Għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda,

> **Tiċħad** l-eċċezzjoni ulterjuri ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva fl-atturi wara li skada l-enfitewsi temporanja fuq il-garaxx mertu tal-kawża, mressqa fl-istadju tal-appell mill-konvenuti Paul Demicoli u Nick Demicoli Construction Limited.

**Tilqa'** l-ewwel aggravju tal-appell prinċipali tal-atturi peress li qed issib illi Asfaltar Limited hija responsabbli għall-inċident fl-istess grad bħal ħaddiem tagħha l-konvenut Kevin Bonnici. Għaldaqstant tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet kollha ta' Asfaltar Limited u minflok tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' Asfaltar Limited, tiddikjaraha responsabbli *in solidum* flimkien ma' Kevin Bonnnici għall-inċident mertu tal-kawża f'sehem ta' wieħed minn sitta (1/6) u tikkundannaha *in solidum* mal-konvenut Kevin Bonnici (i) tħallas lill-atturi Lawrence u Rita Spagnol is-somma ta' tlieta u għoxrin elf, erba' mija u sebgħa u għoxrin ewro (€23,427) għar-rikostruzzjoni tal-garaxx u (ii) tħallas lil Lawrence u Rita Spagnol u lil Pierre Bellizzi, solidalment bejniethom, is-somma ta' tnax-il elf, disa' mija u tnejn u disgħin ewro (€12,992) għall-beni meqruda fil-garaxx u telf ta' qligħ, u dan bħala sehem ta' wieħed minn sitta (1/6) kif fuq deskritt.

**Tiċħad** it-tieni u t-tielet aggravju fl-appell prinċipali tal-atturi appellanti.

**Tilqa'** l-ewwel aggravju tal-appell inċidentali peress li qed issib illi ma ġiex ippruvat li s-soċjetà konvenuta Nick Demicoli Construction Limited, kontumaċi f'din il-kawża, hija responsabbli għall-inċident. Għaldaqstant tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lil din is-

soċjetà responsabbli u minflok tiċħad it-talbiet attriċi kollha fil-konfront tas-soċjetà Nick Demicoli Construction Limited.

**Tiċħad** it-tieni aggravju fl-appell inċidentali.

**Mill-kumplament** tikkonferma s-sentenza appellata.

**Spejjeż tal-ewwel istanza** kif deċiżi mill-Ewwel Qorti.

**Spejjez tal-appell prinċipali** jitħallsu in kwantu għal żewġ terzi (2/3) mill-atturi u in kwantu għal terz (1/3) mill-kumpanija konvenuta Asfaltar Limited.

**Spejjeż tal-appell inċidentali** a karigu tal-konvenut Paul Demicoli.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Robert G. Mangion
Imħallef

Grazio Mercieca
Imħallef

Deputat Reġistratur
ss